**Laqgha Numru 11/K7/2013**

**Introduzzjoni**

Il-Hdax-il Laqgha tas-Seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2013 li saret nhar l-Erbgha 18 ta' Settembru 2013.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon u l-Kunsillieri Evelyn Vella Brincat, Mark Causon u Charles Cesare flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Dean Hili qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

Ghall-parti mill-laqgha kien hemm il-prezenza tal-pubbliku.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fl-10 ta' Settembru 2013. L-Agenda kienet:

1. **Approvazzjoni tal-Minuti 10/K7/2013.**
2. **Punti li johorgu mill-Minuti 10/K7/2013.**
3. **Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
4. **Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
5. **Mistoqsijiet.**
6. **Korrispondenza.**
7. **Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
8. **Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
9. **Kwotazzjoni 17/2013 - Local Council Meetings Online Streaming.**
10. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
11. **Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 10/K7/2013.

1.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 10/K7/2013 kif ipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 10/K7/2013.

2.01. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li ma kien hemm ebda punti pendenti.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Memo 070/2013** - Rapport dwar l-attivita' li saret f'Ghawdex **(Ara Dok. A); Memo 071/2013** - Rapport tal-ftuħ ta' Kwotazzjoni 17/2013 **(Ara Dok. B); Memo 072/2013** - Laqgħa mal-Gvern dwar il-kalata tal-boċċi **(Ara Dok. C); Memo 073/2013** - Laqgħa mal-kuntratturi Carmel Mifsud u Christian Galea **(Ara Dok. D); Memo 074/2013** - Lista ta' laqghat li saru 10/K7/13 u 11/K7/13 **(Ara Dok. E); Memo 075/2013** – Lista ta' kuntratti li ghandu l-Kunsill **(Ara Dok. F); Memo 076/2013** - Lista t'ilmenti **(Ara Dok. G); Memo 077/2013** - Laqgha mad-Drug Squad **(Ara Dok. H) u Memo 078/2013** - Laqgha dwar il-Cult Film Festival **(Ara Dok. I).**

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati taht item 3.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Dean Hili ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn id-29 ta' Awwissu u t-18 ta' Settembru 2013 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/4695/13/I**
29/08/2013
E-mail minghand il-Kunsillier Mark Causon fejn baghat kopja ta' email li rcieva minghand membru tar-Ramblers' Association of Malta, is-Sur Godwin Darmanin fejn informah li waqt li kien miexi fil-lokal fil-heritage trail ra feature speci ta' hnejja mghotti bil-haxix u talab laqgha mal-Kunsill.

6.02. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4695/13/I** il-Kunsillier Mark Causon ippropona li l-Kunsill jitlob laqgha mas-sur Godwin Darmanin, membru tar-Ramblers Association of Malta.

6.03. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

6.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4697/13/I**
29/08/2013
Email minghand Pembroke Athleta F.C. fejn staqsew jekk il-Kunsill huwiex interessat li jorganizza l-Easter International Football Festival bejn il-21 u 23 ta' April 2014.

6.05. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4697/13/I** wara diskussjoni l-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li l-Kunsill jaccetta li flimkien u bl-ghajnuna ta' Pembroke Athleta FC jigi organizzat dan it-tornament, l'issir laqgha ma' l-organizzaturi, li l-Kunsill jalloka sa massimu ta' €2,000 jekk ikun fuq bazi internazzjonali u €1,500 jekk ikun fuq bazi lokali.

6.06. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

6.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4719/13/I** 30/08/2013 Email minghand is-Sindku Dr. Dean Hili fejn talab l-approvazzjoni tal-Kunsilliera biex issir applikazjoni ma' l-Enemalta sabiex isir street lighting fi Triq Sir Adrian Dingli u Martin Luther King.

**46/4813/13/I** 05/09/2013 Kwotazzjonijiet minghand Mica Med ghal dawl gdid fi Triq Sir Adrian Dingli li jammonta ghal €48,308.32, Triq Martin Luther King maqsuma fuq 2 partijiet ghal prezz ta' €57,195.63 u €13,669.75 u ghal fejn t-Torri tal-Madliena ghal prezz ta' €13,669.75.

6.08. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/4719/13/I u 46/4813/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jirratifika din l-approvazzjoni, fejn ingabru stimi u ntalab il-permess tal-Korporazzjoni Enemalta biex jigi nstallat dawl fit-toroq imsemmija. Il-kelliem informa lill-Kunsill ukoll li l-Kunsill diga nforma lir-rapprezentanti tal-Ministru Evarist Bartolo u l-Ministru Konrad Mizzi li huwa mpossibbli ghall-Kunsill li jidhol ghal din l-ispiza.

6.09. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4728/13/I** 30/08/2013 Email minghand il-GreenPak fejn staqsew lill-Kunsill jekk il-Kunsill huwiex ser jiehu sehem fil-progett 'Treasures for Inspire'.

**46/4793/13/I** 04/09/2013 Email minghand il-GreenPak fejn baghtu l-lista tal-Kunsilli li s'issa ser jiehdu sehem fil-progett 'Treasures for Inspire' kif ukoll ser jidhlu parti mill-Local Council Awards 2014.

6.11. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/4728/13/I u 46/4793/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jirratifika din l-approvazzjoni li l-Kunsill jippartecipa f'din l-inizjattiva.

6.12. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4729/13/I** 30/08/2013 Email minghand TCTC fejn informaw lill-Kunsill b'korsijiet ohra immirati lejn kulħaddd għal matul ix-Xitwa. Il-Kunsill ihallas €1,150 li jkun ikopri 85 post ghall-LEARNIT (Beginners) u 12-il post minghajr hlas ghall-ECDL Start. Din taghlaq fit-30 ta' Settembru.

6.14. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4729/13/I** is-Sindku Dean Hili talab il-kummenti tal-membri tal-Kunsill.

6.15. Wara diskussjoni, il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li ghal din ix-Xitwa l-Kunsill ma jiehux din l-offerta ta' TCTC.

6.16. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.18. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill javvicina lid-Dipartiment ta' E-learning biex jesplora l-possibilita' li jigu ofruti korsijiet tal-kompjuter fil-Kunsill.

6.19. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

6.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4736/13/I** 02/09/2013 Email minghand is-sur Edmond Sciberras fejn informa lill-Kunsill li karozza dahlet fuq wara tad-dar tieghu fi Triq il-President Anton Buttigieg u talab biex isiru xi barriers ghaliex din ma kienetx l-ewwel darba.

**46/4920/13/I** 10/09/2013 Email minghand il-Maintenance Section fejn b'referenza ghall-email li baghat il-Kunsill dwar installazzjoni ta' crash barrier fi Triq il-President Anton Buttigieg informa lill-Kunsill li jkun aktar ghaqli li l-crash barrier isiru mill-Kunsill.

**46/4942/13/I** 11/09/2013 Kwotazzjoni minghand il-Koptasin ghal crash barrier fi Triq l-President Anton Buttigieg ghall-prezz ta' €2,938.40.

6.21. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/4736/13/I, 46/4920/13/I u 46/4942/13/I** il-Kunsillier Charles Cesare ppropona li l-Kunsill jitlob stima lill-Koptasin ghall-provvista u l-installazzjoni ta' pipe baxx minflok crash barrier fi Triq il-President Anton Buttigieg wara Blokk 3 li jigi fi Triq Bice Mizzi Vassallo.

6.22. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

6.23. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4739/13/I** 02/09/2013 Email minghand is-sur Mario Grech Mallia fejn talab sabiex il-marki tat-traffiku ta' quddiem id-dar tieghu jerghu jigu mizbugha minhabba li m'ghadhomx jidhru.

6.24. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4739/13/I** il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li l-Kunsill jordna li jsiru dawn il-marki tat-traffiku.

6.25. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

6.26. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4755/13/I** 03/09/2013 Email minghand Ms. Antoinette Gatt fejn ilmentat rigward l-iskip li hemm fi Triq l-Imhallef William Harding fejn talbet sabiex ticcaqlaq minn hemm minhabba l-hmieg u l-grieden li qed iggib.

6.27. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4755/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li din l-iskip ghandha ticcaqlaq u titpogga fil-parkegg ta' biswit Blokk 7 taht il-hajt ta' Triq Burma.

6.28. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.29. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon, il-Kunsillier Mark Causon u l-Kunsillier Charles Cesare vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

6.30. Il-mozzjoni ghaddiet.

6.31. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li hija ma taqbilx minhabba li dan ikun precedent biex skips ohra jiccaqilqu minn posthom.

**46/4762/13/I** 03/09/2013 Email minghand Inspire fejn infurmaw lill-Kunsill li nhar il-Ħadd 22 ta' Settembru, fil-car free day ser jorganizzaw mixja u maratona bir-roti li ser titlaq minn fejn l-ITS u tispicca fejn il-premises il-godda tal-BMX u talbu il-permess tal-Kunsill.

6.32. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4762/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill japprova li l-Kunsill jippartecipa f'din l-inizjattiva u li ma jsibx oggezzjoni ghat-talba ta' Inspire.

6.33. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.34. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4798/13/I** Kwotazzjoni minghand Mica Med ghall-bdil t'arblu tad-dawl fi Triq il-

04/09/2013 Mediterran ghall-prezz ta' €992.94.

6.35. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/4798/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jordna li dan ix-xoghol ghandu jsir. Il-kelliem informa lill-Kunsill li diga ntbghatet ittra lill-Arriva biex tigi rkuprata din in-nefqa minhabba l-hsara li kienet saret.

6.36. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.37. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4822/13/I** 05/09/2013 Email minghand Ms. Lara Calleja fejn b'referenza ghaz-zieda ta' saghtejn fil-hin tal-librerija qed tipproponi li l-hin ghandu jkun s-Sibt mill-10.30am sal-11.30am u mis-1.30pm sa-2.30pm.

6.38. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/4822/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li ladarba l-hinijiet proposti mill-Kunsill ma kienux konvenjenti ghall-librara, il-Kunsill ghandu jaccetta l-hinijiet proposti mill-librara stess.

6.39. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.40. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4830/13/I** 06/09/2013 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'referenza ghall-Memo 17/2013 - ghajnuna finanzjarja ghall-Live Streaming informa lill-Kunsill li l-bord laqa' l-applikazzjoni tal-Kunsill u ghalhekk il-Kunsill ser jigi allokat l-ammont ta' €2,300.

6.41. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/4830/13/I** is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill, li l-Kunsill gie allokat l-ammont ta’ €2,300 ghal dan il-progett.

**46/4839/13/I** 06/09/2013 Memo 21/2013 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali - Linji gwida dwar it-telefon cellulari tal-Kunsilli Lokali.

6.42. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/4839/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona lill-Kunsill li f’dan l-istadju ma jarax din il-htiega minhabba li l-Kunsill diga jaghmel uzu mill-linja cellulari fixed mal-PABX tal-Kunsill u tintuza waqt il-hinijiet ta’ l-ufficcju biss.

6.43. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.44. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4857/13/I** 07/09/2013 Email minghand l-ANSEK fejn informaw lill-Kunsill bl-attivita' ta' fund raising li ser issir mill-Caritas nhar il-Hadd 29 ta' Settembru 2013 u qed iheggeg lill-Kunsilli jiehdu sehem.

6.45. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/4857/13/I** il-Kunsillier Mark Causon ippropona li l-Kunsill jippartecipa u jigi offrut trasport b’xejn mill-Kunsill minn u lura lejn il-lokal. Il-kelliem ippropona wkoll li min jippartecipa ser jinghata flokk u beritta tal-Kunsill.

6.46. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.47. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4868/13/I** 09/09/2013 Email minghand il-YWCA fejn baghtu risposta ghall-internal memo referenza 45/2012 dwar il-Park ta' Triq Burma fejn informaw lill-Kunsill li l-obbligi tal-Kunsill huma li jzommu l-park fi stat tajjeb, isaqqi s-sigar u jaghmel l-ghamara tal-gnien.

6.48. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/4868/13/I** is-Sindku Dean Hili talab il-kummenti tal-membri tal-Kunsill.

6.49. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill kopja shiha t’Internal Memo 45/2012 li qed issir referenza ghaliha mill-YWCA fejn hemm izjed informazzjoni li kienet inghatat fil-laqgha, l’izda YWCA ghazlu li ma jaghmlux referenza ghaliha. **(Ara Dok. J)**

6.50. Wara diskussjoni, is-Sindku Dean Hili ppropona li l-YWCA ghandhom jigu nfurmati bis-sitwazzjoni li dak mitlub u diskuss ma’ l-ex Sindku Joe Zammit qatt ma kien approvat mill-Kunsill precedenti u l-progett huwa għoli wisq.

6.51. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.52. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4879/13/I** 09/09/2013 — Email minghand l-ufficcju tas-Segretarju Parlamentari ghar-ricerka, Innovazzjoni, Zghazagh u sport fejn informaw lill-Kunsill bl-attivita' li ser jorganizzaw bl-isem 'Now We Move' bejn is-7 u 13 ta' Ottubru 2013 u qed iheggu l-Kunsill jippartecipa.

6.53. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/4879/13/I** il-Kunsillier Mark Causon ippropona li l-Kunsill jaghmel mixja madwar il-lokal fit-13 ta’ Ottubru 2013 fejn jigu mistiedna l-entitajiet kollha sportivi biex jippartecipaw. Il-kelliem ippropona wkoll li kull partecipant jintalab jaghmel kontribuzzjoni ta’ €2.00 biex tinghata fl-attivita’ ta’ l-Istrina 2013. Il-kelliem irrakkomanda li jekk huwa possibbli dawn l-entitjiet jaghmlu esebizzjonijiet ta’ l-isports li jipprattikaw.

6.54. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

6.55. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4880/13/O** 09/09/2013 — Email li l-Kunsill baghat lill-membri tal-Kunsill fejn staqsa jekk jaqblux li kif ser issir sleeping police ta' Triq Jum Pembroke issir sleeping police fi Triq Pietru D'Armenia li kienet approvata minn TM.

6.56. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/4880/13/O** il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li l-Kunsill jaghmel din is-sleeping police kif approvat minn TM. **(Ara Dok. K - Rif. Interna 46/1069/13/I)**

6.57. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

6.58. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4885/13/O** 09/09/2013 — Email li l-Kunsill baghat lill-membri tal-Kunsill fejn talab il-kummenti tal-Kunsilliera b'referenza ghat-tabelli ta' direzzjoni fl-akwati ta' l-iskejjel.

6.59. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/4885/13/O** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ghandu jordna dawn it-tabelli wara li l-Kunsill jikseb il-parir minghand Koptasin dwar kif l-ahjar li ghandhom isiru.

6.60. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.61. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4888/13/I** 09/09/2013 — Kwotazzjoni minghand il-Koptasin ghal 2 traffic cylinders c/w base ghall-prezz ta' €90.

6.62. B’referenza ghall-korrispondenza numru **46/4888/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li dawn ghandhom jigu ordnata.

6.63. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.64. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4904/13/I** 10/09/2013 Email minghand Ms. Rita Buhagiar fejn informat lill-Kunsill li bhalissa ghadejja kampanja ta' tiswija ta' qtates sa 16 ta' Settembru u talbet lill-Kunsill jipprovdi ikel ghall-qattus li jigi msewwi mill-lokal.

6.65. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4904/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li jinxtara ikel biex jigu mitmugha l-qtates li qed jigu neutered bl-iskema provduta mill-Gvern.

6.66. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.67. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4939/13/I** 11/09/2013 Email minghand il-Muzew fejn b'referenza ghall-email li baghat il-Kunsill dwar il-hsara fuq l-isem tat-triq talab sabiex issir laqgha mas-Sindku l-gdid sabiex jaraw kif jistghu jghinu lil xulxin ghal gid tal-poplu ta' Pembroke.

6.68. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4939/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jaghmel din il-laqgha.

6.69. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.70. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4945/143/I** 11/09/2013 Kwotazzjoni minghand il-Maltapost ghal tqassim ta' leaflets ghall-prezz ta' €20.20 u nformaw lill-Kunsill li tqassim isir fi zmien gimgha. Hemm prezz addizzjonali ta' €3.50 jekk jigu jigbru il-materjal huma.

6.71. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4945/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jaghmel uzu minn dan is-servizz meta x-xoghol ikun jippermetti u ma jkunx b'urgenza.

6.72. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.73. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4959/13/I** 12/09/2013 Email minghand il-Ministeru għat-Trasport fejn talbu laqgha mal-Kunsill nhar il-Hamis 19 ta' Settembru fis-12.45pm gewwa l-Ministeru dwar it-tibdiliet li qed isiru fit-trasport pubbliku.

6.74. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4959/13/I** is-Sindku Dean Hili talab il-kummenti tal-membri tal-Kunsill.

6.75. Is-Sindku Dean Hili ppropona li fil-laqgha li ser issir mal-Ministru, jekk ikun possibbli r-rotot ghandhom ikunu emendata billi rotot 13 u 120 ikopru San Patrizju, Triq G. Henin, l-akwati ta' San Gorg u Triq Burma.

6.76. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.77. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4963/13/O** 12/09/2013 Email li ntbaghtet lill-membri tal-Kunsill fejn b'referenza ghall-kwotazzjonijiet li nfethu dwar l-online streaming staqsa jekk ikunx ghaqli li l-Kunsill iqabbad lil xi hadd sabiex jaghti l-Kunsill l-parir tekniku dwar l-ahjar proposta.

6.78. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4963/13/O** il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li l-Kunsill iqabbad lis-sur Winston Galea, li huwa resident minn

Pembroke u li jahdem fil-qasam ta' l-IT biex jaghti parir tekniku lill-Kunsill dwar l-apparat propost.

6.79. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.80. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4988/13/I** 13/09/2013 Ittra minghand resident anonimu fejn informa lill-Kunsill li Triq Patri A. Tonna Barthet saret qisha industrial zone minhabba li hemm numru ta' garaxxijiet li qed jintuzaw ghal skop kummercjali u qed isir storbju apparti pparkjar hazin li jkun impossibbli li tohrog il-karozza mill-garaxx.

6.81. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4988/13/I** il-Kunsill ha nota tal-kontenut, filwaqt li kien hemm qbil li jiskoragixxi li jintbaghtu ittri anonimi.

**46/4998/13/I** 13/09/2013 Email minghand il-Vici Sindku Ray Lanzon fejn informa lill-Kunsill illi r-residenti li jiffrekwentaw il-bajja ta' Pembroke qed jissugerixxu li minn fejn jinzlu ghall-bahar, fejn is-sellum tal-hadid ssir platform tal-hadid u tal-injam biex in-nies jghaddu mnn fuqu u dan minhabba li l-area saret tizloq hafna.

6.82. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4998/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jaghmel din it-talba lid-Dipartiment koncernat sabiex jippreparaw ghalija ghas-Sajf tas-sena 2014.

6.83. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.84. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5011/13/I** 16/09/2013 Email minghand id-Dipartiment ghall-Kura Primarja fejn infurmaw lill-Kunsill rigward il-Kampanja tat-Tilqim ghal Influwenza ghas-sena 2013 fejn talbu sabiex sa nhar it-18 ta' Ottubru nibghatu lista tal-persuni l'fuq minn 55 sena li huma nteressati li jiehdu t-tilqma.

**46/5063/13/I** 18/09/2013 Kwotazzjoni minghand Medicare Services Ltd. ghall-prezz ta' €12.00 is-siegha ghal servizz ta' nurse.

**46/5089/13/I** 18/09/2013 Kwotazzjoni minghand Cheribuno Ltd. ghall-prezz ta' €19.50 is-siegha ghal servizz ta' nurse.

6.85. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/5011/13/I, 46/5063/13/I u 46/5089/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill joffri dan is-servizz u li tintghazel l-offerta tal-kumpanija Medicare Services Ltd.

6.86. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.87. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5037/13/I** 17/09/2013 Stima ta' €4,956.00 minghand B. Grima & Sons ghall-provvista u l-installazzjoni ta' Speed Sensors.

6.88. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/5037/13/I** is-Sindku Dean Hili qal li din kienet ghall-attenzjoni tal-membri tal-Kunsill.

**46/5038/13/I** 17/09/2013 Email minghand il-Kunsillier Mark Causon jitlob li l-Kunsill jiddiskuti s-sitwazzjoni dwar is-servizzi li l-Perit Kevin Fsadni qed jaghti lill-Kunsill.

6.89. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/5038/13/I** il-Kunsillier Mark Causon ippropona li l-Perit ghandu jigi nfurmat li l-Kunsill huwa urtat bin-nuqqas ta' servizz li qed jircievi minghandu minhabba dewmien esagerat.

6.90. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

6.91. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5043/13/I** 17/09/2013 — Email minghand id-Direttorat tal-Harsien tal-Annimali jistaqsi lill-Kunsill jekk fil-lokal jezistux problemi relatati mal-annimali.

6.92. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/5043/13/I** is-Sindku Dean Hili talab lill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat biex tinforma lill-Kunsill dwar jekk jezistux problemi simili.

**46/5051/13/I** 17/09/2013 — Email minghand il-Malta Archery jitolbu laqgha mal-Kunsill sabiex jiddiskutu l-possibilita' li jsibu post fil-lokal fejn jistghu jippratikaw dan l-isports, liema sports bhalissa qed jigi prattikat ghand il-Luxol Sports Club.

6.93. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/5051/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li Malta Archery ghandhom jigu nfurmata li l-Kunsill ma jistax jilqa' t-talba taghhom minhabba li l-Kunsill ghandu pjanijiet ohra ghal post indikat.

6.94. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

6.95. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5068/13/I** 18/09/2013 — Email minghand studenta Franciza Naima Abdou titlob li taghmel work phase mal-Kunsill bejn it-18 ta' Novembru u l-20 ta' Dicembru 2013.

6.96. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/5068/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill japprova din it-talba.

6.97. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.98. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Kumitati Konguntі ta' l-LES, Kumitat Regjonali u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-membri tal-Kunsill ghall-Minuti tal-laqghat ta' dawn il-kumitati.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Peress li ma kienx hemm attivitajiet godda, is-Sindku Dean Hili ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 09. Kwotazzjoni 17/2013 - Local Council Meetings Online Streaming.

9.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona li dan is-suggett ghandu jigi diskuss fil-laqgha li jmiss.

9.02. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

9.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Approvazzjoni tal-kontijiet.

10.01. Is-Sindku Dean Hili pprezenta l-iskeda tad-dhul u hrug. **(Ara Dok. L, M, N u O)**

10.02. Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet kollha kif ipprezentata, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentata ghajr tas-sinjura Rita Buhagiar.

10.03. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

10.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Materji ohra.

11.01. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat staqsiet kemm ser jiffranka flus l-Kunsill ladarba inqalbu l-linji minn ma' Go plc ghal ma' Vodafone.

11.02. Is-Sindku Dean Hili rrimarka li din l-informazzjoni giet diskussa fil-laqghat precedenti ghalkemm talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex jaghti rendikont ta' kemm nefaq flus il-Kunsill din is-sena kif ukoll kemm huwa previst li tkun l-ispiza kull xahar bl-arrangamenti l-godda.

11.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat infurmat lill-Kunsill li mit-tieni gimgha ta' Ottubru ser tibda l-story telling fil-Kunsill. Il-kelliema pproponiet li jsir flyer biex jitqassam fid-djar tal-lokal. Il-kelliema rrimarkat li l-gurnata ghad trid tigi kkonfermata.

11.04. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

11.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.06. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrakkomanda lill-membri tal-Kunsill biex jibdew jahsbu ghall-attivitajiet u dawl dekorattiv ghal zmien il-festi tal-Milied.

11.07. Is-Sindku Dean Hili ppropona li jingabru kwotazzjonijiet ghal dawl dekorattiv ghal zmien il-Milied fi Triq Normandy u Misrah il-Paci, u li wahda mill-attivitajiet ghal zmien il-Milied ghandha tkun tqassim tar-rigali permezz tal-Father Christmas possibilment fuq karozzin.

11.08. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

11.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.10. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrakkomanda lill-Kunsill biex il-Kunsill jitlob lill-AFM taghmel ghotja lill-Kunsill ta' wiehed mill-kanuni boforce li mhux qed jintuzaw u li kien isir tahrig bihom f'Pembroke. Dan biex jekk il-Kunsill jaqbel jitpogga bhala tifkira fir-roundabout ta' quddiem il-Kunsill u fuq kull naha titella l-bandiera ta' Malta u ta' Pembroke.

11.11. Wara diskussjoni s-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jaghmel din it-talba izda l-Kunsill ma jintrabatx li jitpogga fir-roundabout ta' quddiem il-Kunsill.

11.12. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda u zied li fir-roundabout ghandha tithawwel sigra kbira bhala ornament kif ukoll biex tizzejjen fi zmien il-Milied.

11.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.14. Is-Sindku Dean Hili ghalaq il-laqgha fl-10.15pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta 22 ta' Ottubru 2013 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Dean Hili | Kevin Borg |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |